**Fil-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)**
**(Appell minn sentenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva)**

Rikors numru: XX/XXX
Deċiż: XX/XX/XXXX

RB

*vs*

L-Awtorita` tal-Artijiet

**Rikors tal-Appell ta' RB**

Tesponi bir-rispett,

Illi b'sentenza tal-XX XX XX it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ddeċida il-kawża fl-ismijiet fuq premessi billi ċaħad l-appell tar-rikorrenti u laqa' r-risposta tal-Awtorita' intimata bl-ispejjeż tal-proċedura a kariku tar-rikorrenti;

Illi l-appellanti ħassew ruħhom aggravati minn din is-sentanza u għaldaqstant qegħdin jinterponu dan l-appell minnha;

*Fatti*

Illi l-fatti li taw lok għall-proċeduri odjerni kienu s-segwenti:-

1. Illi l-appellanti ssottomettew applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Artijiet sabiex jingħata lilhom "no objection in principle" sabiex ikunu jistgħu jissottomettu applikazzjoni mal-Awtorita tal-Ippjanar rigward art viċin il-kosta f'XXX u ċjoe fuq proprjeta' pubblika;

2. Illi peress li l-applikanti, esponenti odjerni, mhumiex is-sidien tal-bajja, kien meħtieġ li javżaw lis-sid ossia lill-Awtorita intimata bl-intenzjoni tagħhom li japplikaw sabiex jingħataw il-kunsens għal dik l-applikazzjoni;

3. Illi l-esponenti huma enfitewti ta' binja proprju ġewwa XX mingħand l-Awtorita' intimata liema binja qed tiġi żviluppata konformement ma' kuntratt bejn l-esponenti u l-Kummissarju tal-Artijiet li llum tagħmel minfloku l-Awtorita' intimata;

4. Illi b'ittra datata XX XX XX l-esponenti ġew mgħarrfa mill-intimata li l-applikazzjoni tar-rikorrenti għall-'No Objection in Principle', ġiet miċħuda b'deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi tal-istess Awtorita' meħuda fil-XX XX XX u dan peress li fi kliem l-Awtorita "L-Kosta għandha tibqa' tifforma parti mid-demanju pubbliku;

5. Illi l-appellanti appellaw minn din id-deċiżjoni quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva li ċaħad l-appell tagħhom fit-XX XX XX.

*L-Aggravju u t-Talba quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva*

Illi fl-appell tagħhom quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva l-appellanti qajjmu s-segwenti aggravi:-

1. Illi fl-ewwel lok, ir-raġunijiet li ngħataw, privi minn kull tagħrif, rakkomandazzjonijiet u raġunament mhumiex suffiċjenti u kwindi l-esponenti mhumiex f'qagħda li jikkonstataw jekk il-proċedura stabbilita fl-Art. 13 tal-Kap. 563 ġietx segwita jew le;

2. Illi fit-tieni lok, mingħajr ħsara għal dak li qiegħed jingħad fl-ewwel aggravju, ilproċedura stabbilita fl-Art. 13 tal-Kap. 563 ma ġietx segwita u kwindi hija nulla;

3. Illi fit-tielet lok, id-deċiżjoni tal-Awtorita' intimata ossia l-għemil amministrattiv imwettaq minnha huwa imsejjes fuq kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti u fi kwalunkwe każ mhux raġjonevoli;

4. Illi fir-raba' lok, id-deċizjoni hija diskriminatorja fil-konfront tal-esponenti u dan meta mqabbla ma' kif jiġu trattati applikanti oħra li jirrikorru għand l-Awtorita filkuntest ta' konċessjonijiet għal bajja u/jew ta' applikazzjonijiet għal "no objection in principle";

5. Illi fil-ħames lok id-deċiżjoni tal-Awtorità intimata, hija irragonevoli;

Illi jsegwi għalhekk li d-deċiżjoni de quo, hija kompletament erronja, tikser iddisposizzjonijiet tal-liġi u jeżistu l-massimi li trid il-liġi sabiex din tiġi mħassra u revokata; Għaldaqstant, u in vista tas-suespost, filwaqt li jirriservaw id-dritt li jressqu provi u argumenti ulterjuri sabiex jissostanzjaw l-aggravji tagħhom, ir-rikorrenti umilment jitolbu lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex a tenur tal-liġi inkluż tad-dispozzjonijiet tal-Kap. 563 u tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta, iħassar, jirrexxindi u jikkanċella u/jew jirrevedi d-deċiżjoni fuq imsemmija u dan taħt dawk il-provvedimenti li jidhirlu xierqa u opportuni.

*Risposta tal-Awtorita' tal-Artijiet*

Illi l-Awtorita' tal-Artijiet eċċepiet is-segwenti:-

1. Illi l-Awtorita' tal-Artijiet b'decizjoni tal-Bord tal-Gvernaturi datata XX XX XX irrifjutat il-kunsens taghha fil-principju (objection in principle) ghal "Proposed beach concession at Beach *foreshore* at XX";

2. Illi t-talba tas-soċjetà rikorrenti għandha tiġi miċħuda stante li ma ġiet indikata lebda bażi legali fondata, mill-istess soċjetà rikorrenti, li tikkostitwixxi raġuni valida kemm fil-fatt u kemm fid-dritt amministrattiv li timmerita reviżjoni ta' dan l-għemil amministrattiv;

3. Illi rigward l-ewwel aggravju u bla preġudizzju għas-suespot id-deċiżjoni meħuda mill-Awtorità intimata dwar l-imsemmija applikazzjoni hija skont il-ligi u kienet meħuda wara li ġew kkunsidrati fatturi relevanti bħall-fatt illi l-art mitluba hija art illi ghandha titgawda mill-pubbliku w'ghaldaqstant ghandha

tibqa' fid-demanju pubbliku, li fil-każ odjern kien fattur rilevanti mehud skond l-ispirtu tal-ligi tad-Demanju Pubbliku u l-prinċipju tar-raġonevolezza liema raġuni giet debitament notifikat lir-rikorrenti;

4. Illi fl-istadju li ħa d-deċiżjonijiet rispettivi l-Bord tal-Gvernaturi hu kien qiegħed iħares lejn l-oġġezzjoni fil-prinċipju li r-rikorrent jissottometti applikazzjoni lillAwtorita' tal-Ippjanar. Dan huwa stadju dwar prinċipji ġenerali aktar milli dwar dettalji partikulari għall-każ in diżamina. Kieku r-rikorrenti inghata d-dritt ikompli bl-applikazzjoni quddiem l-Awtorita' tal-Artijiet pero' l-Bord tal-Gvernaturi xorta ddeċieda illi jirrifjuta kien ikun dahhal lir-rikorrent fi spejjez zejda bla bzonn;

5. Illi t-tieni aggravju jmur diametrikament fl-oppost tal-ewwel aggravju ghailex isostni li l-procedura ma gietx segwita meta fl-ewwel aggravju jghid illi r-rikorrenti "m'hijiex f'qaghda li tikkonstata jekk il-procedura stabbilita fl-Art 13 tal-Kap 63 gietx segwita jew le"! F'dan l-istadju l-esponenti ma tafx ezattament liema tezi qieghed isostni r-rikorrenti w'ghaldaqstant thoss illi dan l-aggravju m'huwa xejn hlief wiehed vessatorju u dan ghaliex il-Bord tal-Gvernaturi ha d-decizjoni tieghu skont id-dettami tal-ligi;

6. Illi Art. 7(2)(c) tal-Kap 563 jagħmilha l-funzjoni tal-Awtorita' tal-Artijiet illi "tamministra bl-akbar mod assolut sabiex isir l-aħjar użu tal-art kollha tal-Gvern ta' Malta u kull art li tifforma parti mill-isfera pubblika" w'għaldaqstant it-tielet aggravju illi l-Awtorita' intimata hadet decizjoni fuq fatturi irrilevanti ma tregix kemm għaliex l-Awtorita' għanda kull fakolta li tieħu deċiżjoni dwar l-aħjar użu talart inkluz dwar jekk l-ahjar uzu jistax jsir mill-pubbliku jew mill-privat u kemm ghaliex illum il-gurnata il-kosta qed tinghatalha l-importanza u l-indukrament li jixirqilha u fejn hu possibli qieghdha tigi mhollija ghat-tgawdija tal-poplu ;

7. Illi r-raba' aggravju m'ghandux mis-sewwa ghaliex kull kaz huwa kkunsidrat fuq ilmerti tieghu u barra min hekk illum hemm ligjiet vigenti rigward il-protezzjoni talkosta illi fil-passat ma kienux hemmhekk u din id-decizjoni hija konformi mal-ispirtu tal-imsemmija ligijiet;

8. Illi lanqas mhu minnu li ma gewx segwiti l-policies u fi kwalunkwe kaz m'hemm lebda indikazzjoni fir-rikors promutur fuq liema policies qieghed jigi allegat li ma kienux segwiti;

9. Illi l-hames aggravju huwa infondat stante illi l-Awtorita' merament ghamlet xogholha kif rikjest mill-ligi, hadet decizjoni li tispetta lilha li tiehu fuq konsiderazzjonijiet altro che legittimi u ragjonevoli;

Għaldaqstant dan l-Onorabbli Tribunal għandu jiċħad it-talba mressqa quddiemu missoċjetà rikorrenti bl-ispejjeż interament għall-istess soċjetà rikorrenti."

*Aggravji*

Illi l-aggravji tal-esponenti huma manifesti u jikkonsistu f'dan li ġej:-

1. Illi l-Awtorita’ tal-Artijiet naqset milli tikkonsulta ma’ Awtoritajiet oħra biex tkun tista’ tevalwa x’inhu fil-verita’ l-aħjar użu tal-art;

Commented [MV1]:

2. Illi kemm l-Awtorita’ tal-Artijiet kif ukoll it-Tribunal ta’ Reviżjoni Amministrattiva nterpretaw il-liġi lil hinn mill-ħsieb li kellhu l-leġislatur;

*L-Ewwel Aggravju – L-Awtorita’ tal-Artijiet naqset milli tikkonsulta ma’ Awtoritajiet oħra*

Illi qabel xejn irid jingħad li mhuwiex kontestat li l-liġi tipprovdi espressament li l-Awtorita’ tal-Artijiet għandha s-setgħa li tamministra l-art bl-aktar mod assolut sabiex isir l-aħjar użu tal-art kollha tal-Gvern ta’ Malta u kull art li tifforma parti mill-isfera pubblika u dan skont l-Art. 7(2)(ċ) tal-Kap. 563 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Illi madankollu, tali poter irid jitqies fil-kuntest tal-qafas regolatorju wisa’ applikabbli f’dan il-pajjiż u huwa soġġett għal-liġi amministrattiva. Biex wieħed japprezza l-każ odjern irid jitqies li l-Awtorita’ intimata mhijiex l-unika enti munita b’responsabbilta’ sabiex tiddeċiedi jekk għandux tingħata konċessjoni tal-*foreshore* hija materja li taqa’ fl-isfera ta’ kompetenza ta’ diversi awtoritajiet fosthom l-Awtorita’ Maltija għat-Turiżmu li għandha funzjonijiet speċifiċi.

Illi ta’ min iqis li l-esponenti talbu lill-Awtorita’ intimata biss permess preliminari cjoe *no objection in principle* u mhux permess li tingħata l-*foreshore* b’konċessjoni. B’din id-deċiżjoni l-esponenti setgħu imexxu bl-applikazzjonijiet neċessarji ma’ Awtoritajiet sabiex jinħarġu permessi għax-xogħolijiet neċessarji u għas-servizzi li setgħu jiġu offruti. F’każ ta’ eżitu posittiv mal-Awtoritajiet l-oħra, l-Awtorita’ ntimata kien ikollha stampa kompluta inkluż in-neċessitajiet tas-settur turistiku għall-*foreshore*. Mingħajr ma saru konsultazzjonijiet ma’ Awtoritajiet oħra u bir-rifjut tal-applikazzjoni fi stadju daqshekk preliminari l-Awtorita’ ma setgħetx tagħmel *an informed decision* fid-dawl tan-neċessitajiet li hemm fiż-żona. Il-minimu li kellha tagħmel l-Awtorita’ kien li (i) tintlaqa’ l-applikazzjoni tan-*no objection in principle* mingħajr preġudizzju għad-deċiżjoni finali tal-Awtorita’ li tagħti l-konċessjoni mitluba jew tal-inqas (ii) tindenja tikkonsulta ma’ Awtoritajiet oħra. Minflok l-Awtorita’ għażlet l-eħfef triq u rrifjutat l-applikazzjoni hekk kif rat li titratta *foreshore*;

*It-Tieni Aggravju – Interpretazzjoni tal-liġi lil hinn mill-ħsieb li kellhu l-leġislatur*

Illi l-applikazzjoni tar-rikorrenti ġiet miċħuda għaliex fil-fehma tal-Awtorita’ tal-Artijiet il-kosta għandha tibqa’ tifforma parti mid-demanju pubbliku. Ir-rappreżentanta tal-Awtorita’ spjegat li biex wasal għal din id-deċiżjoni l-Bord ra li *no objection in principle* kienet fir-rigward ta’ *foreshore* u għalhekk ċaħad it-talba mingħajr lanqas biss tniżżlu deliberazzjonijiet. Iżżid tgħid li l-Awtorita’ mxiet mal-ispirtu tal-liġi tad-demanju pubbliku u din hija l-linja li qed tieħu l-Awtorita’ dwar applikazzjonijiet simili fuq il-*foreshore*;

Illi huwa minnhu li l-Awtorita’ għandha setgħa li tamministra bl-akbar mod assolut l-art tal-Gvern sabiex isir l-aħjar użu tal-art kollha iżda dan id-dritt mhuwiex kif assolut hekk kif tinterpretah l-Awtorita’. Dan jirriżulta ċar mill-traskrizzjonijiet tad-

delibereazzjonijiet tal-Kumitati Permanenti Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp[1] li ddiskuta l-implikazzjonijiet tal-liġi tad-demanju pubbliku fil-kuntest tal-*foreshore*. Hija ta' rilevanza partikoli t-tweġiba tal-Avukat Ġenerali:-

> **IĊ-CHAIRPERSON:** L-Onor. Callus.
>
> **ONOR. RYAN CALLUS:** Dr. Grech, nirringrazzjak tal-kummenti tiegħek. Xtaqt nagħmillek domanda meta niġu għall-prattika. Ħalli nieħu, pereżempju, il-Bord tal-Awtorità ta-Ippjanar. Ħafna drabi jkollna applikazzjonijiet mal-*foreshore* u tqum id-domanda ta' x'jimponu l-aspettattivi mil-Liġi tad-Demanju Pubbliku fuq il-Bord tal-Ippjanar li jissalvagwardja parti mill-kosta, naturalment biex inżomm ma' dak li għedt inti, li hija pubblika, għax jekk hemm kosta privata, dik hija storja oħra u fhimtha. Jekk hemm kosta pubblika, x'obbligi tpoġġi fuqna din il-liġi safejn għandna nagħtu f'sens ta' drittijiet futuri minħabba bini, eċċ. u anke għal użu ieħor, pereżempju, fil-każ tal-Lands Authority fejn jiġu *encroachment permits*? Xtaqtek tkun kategoriku fuq dan il-punt li jitqajjem ripetutament għax naħseb hemm din il-lakuna li nixtieq tiġi ċċarata. Grazzi.
>
> **L-AVUKAT PETER GRECH: Fil-fatt ma jfissirx li għax art hija ta' demanju pubbliku allura fuqha ma jista' jsir assolutament xejn. Pereżempju, il-*consessions* huma msemmijin fil-liġi stess għax jista' ikun ukoll li biex tgawdi dik l-art ikollok tagħti ċerti konċessjonijiet; jekk tkun bajja, tista' tgħid li jibqa' kollox kif inhu, u tista' forsi tgħid li min imur jgħum hemmhekk irid ikollu faċilità li jixtri xi ħaġa, eċċ.** Jiġifieri dawk li mhumiex drittijiet reali, imma huma biss permessi amministrattivi, huma ppreżervati fil-liġi stess.

Illi ġjaladarba l-Avukat Ġenerali stqarr ċar u mingħajr tlaqlieq li art klassifikata bħala demanju pubbliku tista' tkun soġġetta għal konċessjonijiet sabiex tkun tista' titgawda, wieħed tajjeb jikkonkludi li r-raġuni mogħtija mill-Awtorita' intimata mhijiex raġjonevoli. **Minkejja li art tal-Gvern tingħata b'konċessjoni lill-privat ma jfissirx li din ma tifformax aktar parti mid-demanju pubbliku**. Dan huwa propju l-ħsieb li kellhu l-Avukat Max Ganado li ħa ħsieb jabbożża il-liġi dwar id-demanju pubbliku:-

> **L-AVUKAT MAX GANADO: ... L-iskop ta' din il-liġi mhuwiex biex twaqqaf l-iżvilupp imma biex noqogħdu attenti bħala pajjiż, bħala awtoritajiet, bħala Gvern u bħala pubbliku li nippreservaw dak li jikkontribwixxi għall-identità tagħna bħala pajjiż.**[2]

**Illi r-raġunament tal-Awtorita' u tat-Tribunal huma diametrikament opposti għall-ħsieb li kellhu l-leġislatur wara l-liġi li tirregola d-demanju pubbliku.** Ir-raġunar tal-Awtorita' jfisser li *foreshores* mogħtija b'konċessjoni lill-privat m'humiex demanju pubbliku. Ċertament bid-deċiżjoni li l-*foreshore* titħalla żdingata u tintuża

[1] It-Tlettax-il Parlament, Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, Laqgħa nru. 2, 18/12/2017 aċċessibbli minn https://parlament.mt/mt/13th-leg/environment-and-development-planning-committee/dev-002-18122017-0200-pm/

[2] It-Tlettax-il Parlament, Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, Laqgħa nru. 4, 19/02/2018 aċċessibbli minn https://parlament.mt/mt/13th-leg/environment-and-development-planning-committee/dev-004-19022018-0630-pm/?page=1&numItems=

bħala parking illegali mhuwiex qiegħed iwassal għal preservazzjoni ta' dak li jikkontribwixxi għall-identità tagħna bħala pajjiż;

Illi inoltre ta' min iżid li l-*foreshore* ilha tifforma parti mid-demanju pubbliku sa minn żmien ir-Rumani skont sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet "Gustavo Lapira vs Canonico Capitolare Monsignor Giuseppe Caruana Dingli et" deċiża fit-30 ta' Ġunju 1917. Għalhekk anki qabel il-promulgazzjoni tal-Att numru XXV tal-2016, u qabel it-twaqqif tal-Awtorita' ntimata, l-*foreshore* kienet demanju pubbliku bħalma hija llum. Qabel ma' daħlet fis-seħħ l-Awtorita' konċessjonijiet kienu jingħataw, naturalment soġġetti għal għadd ta' kundizzjonijiet. Wara l-liġi tad-demanju pubbliku u wara t-twaqqif tal-Awtorita', l-*foreshore* baqgħet dik li kienet qabel. Ma kienx hemm bdil fiċ-ċirkostanzi li jimmeritaw li ma jinħarġux aktar konċessjonijiet relatati mal-*foreshore*;

Inoltre ta' min iqis li t-tip ta' żvilupp li ġie propost jikkonsisti f'*beach furniture* – żvilupp minimu li ċertament ma jikklassifikax bħala sfreġu hekk kif ġie meqjus mit-Tribunal. Anki jekk il-*beach furniture* proposta titqies bħala sfreġu, l-esponenti jistaqsu xi sfreġu jista jkun hemm ta' parking illegali mitluq u bit-terrapin?;

Illi jidher li l-linja ta' rifjuti adottata mill-Awtorita' intimata f'ċirkostanzi relatati ma' *no objection in principle* fir-rigward ta' *foreshore* qed iwasslu għal dak li l-awturi Wade u Forsyth fil-ħdax-il edizzjoni tal-opra tagħhom dwar id-Dritt Amministrattiv jirreferu għalih bħala "***over-rigid policies***". L-awturi jispjegaw:-

> Just how far they may enforce a fixed policy is often a difficult question for authorities granting licences or permits. A clear instance was where an applicant for permission to sell pamphlets in public parks for the benefit of the blind was told that the Council had decided to grant no such permits, and could make no exception even in the most deserving case. The court regarded that 'not as the adoption of a policy in the exercise of a discretion but the refusal to exercise any discretion',[3] and granted mandamus to compel the council to consider the application.[4] It did not follow that they must give permission, or that they might not follow a policy: their duty was merely to exercise their discretion in each case, and not to shut the door indiscriminately either on all applicants or on applicants who did not conform with come particular requirement.

Illi l-fatt li l-Awtorita' ntimata ma mxietx mal-interpretazzjoni tal-Avukat Ġenerali u lanqas mal-prinċipji amministrattivi ġie konfermat mir-rappreżentant tal-Awtorita' ntimata stess li dwar id-deċiżjoni tal-Bord qalet li hekk kif il-Bord ra li l-applikazzjoni tal-esponenti kienet dwar il-*foreshore* ċaħad it-talba u lanqas biss ma ġie kkunsidrat li ftit snin qabel l-esponenti ingħataw mingħand il-Kummissarju tal-Artijet *qua* predeċessur tal-Awtorita' intimata binja sabiex tiġi żviluppata għas-settur turistiku ftit tal-metri l-bogħod mill-*foreshore* in kwistjoni – **liema *foreshore* fil-preżent hija żdingata u tintuża bħala parking illegali hekk kif jidher mir-ritratti esebiti!;**

---

[3] Quoted from Bankes LJ in *R v. Port of London Authority ex p Kynoch Ltd* (1919) 1 KB 176 at 185

[4] R vs London County Council ex p Corrie (1918) 1 KB. Cf. Sagnata Investments Ltd v Norwich Cpn (1971) 1 QB 614 (rigid policy against amusement arcades: no exercise of discretion. This was decided on appeal, not on judicial review). For a case of statutory permission to adopt a rigid policy of refusal see R v. Herrod ex p Leeds City District Council (1976) QB 540

Illi apparti li l-atteġjament meħud mill-Awtorita' intimata qed iwassal għal *over-rigid policies*, ta' min iqis ukoll jekk id-deċiżjonijiet tal-Awtorita' humiex qegħdin jittieħdu in linea mad-dmirijiet tagħha msemmija fl-Art. 3 tal-Kap. 563 rigward art tal-Gvern. L-artiklu jispjega li l-poteri attribwiti lill-Awtorita' għandhom jintużaw sabiex jintlaħqu l-għanijiet segwenti:-

> Ikun id-dmir tal-Gvern li **jottimizza r-riżorsi tal-art u r-riżorsi tal-bini tagħha għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali ta' Malta**, permezz ta' sistema komprensiva ta' użu sostenibbli tal-art u l-użu tal-proprjetà, u f'dan is-sens:
>
> (a) jiżgura l-aħjar użu ta' art tal-Gvern;
> (b) jipprovdi sistema effettiva u affidabbli għall-ġestjonital-art, inkluż il-ħruġ u l-garanzija ta' titoli tal-art udemarkazzjoni ġeo-spazjali tal-art; u
> (ċ) **jippermetti l-użu sħiħ ta' art u l-bini ta' informazzjoni għall-użu aħjar tal-art u ġestjoni tal-proprjetà u l-ħolqien ta' opportunitajiet ġodda ta' negozju**

Illi ta' rilevanza huwa sub-artiklu (ċ) li applikat għal każ odjern fejn (i) l-esponenti ingħataw proprjeta viċin il-baħar sabiex tiġi żviluppata għal għanijiet ekonomiċi u turistiċi u (ii) il-*foreshore* viċin ta' din il-proprjeta hija art żdingata u tintuża bħala parking illegali, il-konklużjoni loġika hija li l-aħjar użu ta' din il-*foreshore* żdingata tkun li tiġi konċessa lil terz sabiex ma tibqax żdingata u tkun tista' titgawda mill-pubbliku;

Illi mill-assjem tal-provi jirriżulta li l-proċedura adottata mill-Awtorita' hija karenti mill-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji fundamentali msemmija fl-Att[5]. **Huwa ċar mill-każ li l-Awtorita' minkejja obbligata tapplika l-prinċipji fundamentali kollha, hija selettiva u tapplika biss il-prinċipju li hija għandha l-jedd tamministra l-art tal-Gvern bl-aktar mod assolut cjoe li tiddeċiedi kif trid hi**. Dan jidher ukoll minn notamenti tal-Perit XX XX, mpjegat mal-Awtorita', li r-rakkmandazzjoni tiegħu – in linea ma' dawn il-prinċipji – kienet li l-Awtorita' tikkonsulta mal-Malta Tourism Authority stante li hemm impatt qawwi fuq l-industrija tat-turiżmu (cjoe fis-settur ekonomiku taħt l-Art. 3 tal-Kap. 563) u b'hekk tista' ssir, fi kliem il-Perit Scotto "*a better-informed decision*". Mhux talli l-Awtorita' naqset milli tagħmel dan, talli l-applikazzjoni ġiet rifjutata mingħajr lanqas biss tniżżlu deliberazzjonijiet jew saru konsulti ma' awtoritajiet oħra;

Illi għalhekk jirriżulta li l-mod ta' kif l-Awtorita qed teżerċita l-jedd li tamministra l-art ta' Gvern huwa f'kunflitt mal-prinċipji fundamentali l-oħra li għandhom jirregolaw id-deċiżjonijiet tagħha. Dan huwa każ fejn l-Awtorita' qed teżerċita *unfettered discretion* meta fil-verita' d-drittijiet tagħha huma suġġetti għall-prinċipji msemmija fl-Art. 3 u 4 tal-Kap. 563. Huwa faċli li wieħed b'termini bħal użat mill-esponenti li "*l-kosta għandha tibqa tifforma parti mid-demanju pubbliku*". imma tali opinjonijiet għandhom ikunu bażati fuq argomenti rilevanti u raġjonevoli u **mhux fuq opinjoni**. L-awturi Wade u Forsyth fil-ħdax-il edizzjoni tal-opra tagħhom dwar id-Dritt Amministrattiv jiċċitaw f'dan ir-rigward sentenza antika magħrufa bħala Rooke's

[5] Art. 4 tal-Kap. 563

Case[6] tal-1598 li għadha tiġi ċċitata llum għar-rilevanza u attwalita tagħha minn Qrati Ingliżi:

> notwithstanding the words of the commission give authority to the commissioners to do according to their discretion, yet their proceedings ought to be limited and bound with the rule of reason and law. For discretion is a science or understanding to discern between falsity and truth, between wrong and right, between shadows and substance, between equity and colourable glossess and pretences, and not to do according to their wills and private affections; for as one saith, *talis discretio discretionem confundit.*

Illi huwa faċli għall-Awtorita tal-Artijiet li tgħid li l-liġi tagħha tagħtiha jedd tiddeċiedi kif trid, imma tali poter u diskrezzjoni irid jitqies f'kuntest fejn f'pajjiżna llum il-ġurnata għandha diversi awtoritajiet regolatorji.

Illi f'dan ir-rigward tajjeb issir riferenza għall-każ Ingliż "Sharp *vs.* Wakefield", ċitat fl-opra suriferita ta' Wade u Forsyth, li ġie diskuss fid-dettall kif għandhom jaġixxu awtoritajiet li jingħataw diskrezzjoni wiesa' skond il-liġi:

> 'discretion' means when it is said that something is to be done within the discretion of the authorities that that something is **to be done according to the rules of reason and justice,** not according to private opinion: *Rooke's Case;* according to law and not humour. It is to be, not arbitrary, vague and fanciful, but legal and regular. **And it must be exercised within the limit**, to which an honest man competent to the discharge of his office ought to confine himself.[7]

Għaldaqstant l-esponenti filwaqt li jagħmlu riferenza għad-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva tat-28 ta' Jannar 2019 fl-ismijiet fuq premessi, għall-atti tal-istess proċeduri u għall-provi hemm prodotti u filwaqt li jirriservaw minn issa li jressqu dawk il-provi ammissibbli f'dan l-istadju jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza għar-raġunijiet esposti f'dan ir-rikors, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata.

Bl-ispejjeż

Avv. John Bonello
*19/9, Triq id-Dejqa, Valletta*

P.L. Jean Pierre Busuttil

Appellanti: 10, Triq XXX, XXX
Appellat: Awtorita' tal-Artijiet – Auberge De Baviere, Valletta

[6] (1598) 5 Co Rep 99b
[7] (1891) AC 173.